MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 1808/1997/1

**Austin Gonzi**

**Vs**

**Malta Drydocks Corporation;**
**u b' digriet tal-Qorti tat-2 ta' April 2004, Saviour Gauci f' isem il-Gvern bhala successur tal-Malta Drydocks gie awtorizzat jassumi l-atti ta' din il-kawza minflok il-Korporazzjoni konvenuta.**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fis-7 ta' Awissu 1997 li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attur impjega ruhu bhala Security Guard mas-socjeta` konvenuta;

Premess illi fid-9 ta’ Mejju 1997 huwa gie akkuzat b’ offiza dixxiplinarja fil-kategorija ta’ Group 1 (Dok. A);

Premess illi b’ ittra tal-21 ta’ Mejju 1997 huwa gie nformat illi l-Bord tad-Dixxiplina kien iddecieda li jissospendih ghal tliet gimghat u jittrasferih mis-Security Department (Dok. B);

Premess illi l-Ewwel Bord ta’ l-Appell, irriduca l-piena ta’ sospensjoni minn tliet gimghat ghal gimghatejn, imma kkonferma l-piena ta’ trasferiment mis-Security Department (Dok. C);

U premess illi l-Bord tat-Tieni Appell ma ta ebda opportunita` lill-attur li jissottometti l-kaz tieghu;

U premess illi l-konvenuti rrifjutaw il-hatra ta’ Referee Indipendenti previst mir-Regolamenti ta’ Dixxiplina;

Premess illi f’ dawn il-proceduri gew vjolati bi pregudizzju ta’ l-esponent il-principji ta’ smigh xieraq in kwantu huwa qatt ma gie moghti kopja tar-rapport li kien sar kontra tieghu; qatt ma gie moghti kopja tal-verbali tal-proceduri, qatt ma gie moghti kopja tad-decizjoni tal-Bord tad-Dixxiplina li minnha kellu jappella, u ma thalliex jissottometti l-kaz tieghu lill-Bord tat-Tieni Appell;

U premess illi fi kwalunkwe kaz il-piena ta’ trasferiment hija *ultra vires* ghar-Regolamenti ta’ Dixxiplina li jorbtu lill-partijiet;

U premess illi t-trasferiment ta’ l-attur mid-Dipartiment tas-Security ghal xoghol klerikali fil-Manoel Island qed jikkawzalu danni reali u pregudizzju finanzjarju, konsistenti f’ telf ta’ qligh;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni kollha li sofra u qieghed isofri l-attur;

2. Tillikwida dawn id-danni;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur dik is-somma hekk likwidata in linea ta’ danni;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma’ l-elenku tad-dokumenti esebiti ma’ l-att tac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni konvenuta pprezentata fit-13 ta’ Mejju 1998, li permezz taghha hija eccepiet:-

1. Fl-ewwel lok illi l-isem korrett tal-korporazzjoni konvenuta huwa Malta Drydocks;

2. Preliminarjament ukoll illi c-citazzjoni hija monka billi ma hemm ebda decizjoni ta’ Qorti kompetenti li l-proceduri ta’ dixxiplina huma nulli jew li d-decizjoni tal-Bord ta’ Dixxiplina hija *ultra vires* u li b’ konsegwenza l-attur sofra xi danni. Konsegwentement it-talbiet attrici huma f’ kull kaz legalment infondati;

3. Preliminarjament ukoll illi din il-Qorti m’ hijiex kompetenti biex tissindika amministrattivament l-ghemil tal-korporazzjoni konvenuta in kwantu dak l-ghemil jirreferi ghall-organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna;

4. Illi f’ kull kaz it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fil-ligi billi l-attur huwa suggett ghad-dixxiplina skond il-procedura ta’ dixxiplina vigenti fil-Malta Drydocks ghall-haddiema kollha, u inghata l-opportunita` kollha biex jispjega u jiddefendi ruhu;

5. Illi inoltre d-dixxiplina fuq ix-xoghol hija prerogattiva tal-management mehtiega biex l-attivita` tal-korporazzjoni tista’ timxi bla tfixkil. Ma hemm ebda htiega li d-dixxiplina tigi ezercitata minn xi organu indipendenti jew imparzjali.

B’ dana kollu u bla pregudizzju l-attur inghata smigh xieraq u kull opportunita` xierqa biex iressaq id-difiza tieghu. Fin-nuqqas ta’ qbil ir-rimedju li kellu l-attur kien li jirrikorri quddiem it-Tribunal Industrijali;

6. Illi l-istess attur accetta l-gurisdizzjoni u ssottometta ruhu ghall-procedura ta’ dixxiplina tal-management tal-Malta Drydocks, u ma jistax issa jattakkha ghaliex ma jaqbilx mad-decizjoni li ttiehdet fil-konfront tieghu;

7. Illi f’ kull kaz u bla pregudizzju ghas-sueccepit, id-decizjonijiet li ttiehdu kienu korretti u gustifikati u din il-Qorti m’ ghandhiex tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-Bord ta’ Dixxiplina u tal-management tal-korporazzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-Prof. Noel Zarb Adami, chairman ta’ l-istess korporazzjoni konvenuta u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tat-30 ta’ Gunju 2000 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana biex tisma’ l-kontro-ezamijiet u l-provi li kien fadal;

Rat l-Affidavitsipprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

Rat in-Nota ta’ osservazzjonijiet ipprezentata fis-27 ta’ Awissu 2004 mill-konvenut Saviour Gauci f’ isem il-Gvern bhala successur tal-Malta Drydocks, liema konvenut *nomine* kien awtorizzat jassumi l-atti tal-kawza b’ digriet ta’ din il-Qorti tat-2 ta’ April 2004;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

Il-vertenza taht konsiderazzjoni tirrigwarda l-proceduri ta' dixxiplina li ttiehdu mit-Tarzna konvenuta fil-konfront ta' l-attur. Minn dak sottomess minnu fil-korp tac-citazzjoni u fix-xhieda tieghu, l-attur jaddebita lit-Tarzna ksur tal-principju tal-gustizzja naturali tas-smigh xieraq. Il-qofol tal-lanjanza tieghu tal-vjolazzjoni ta' dan il-principju hu mpernjat fuq sensiela ta' allegazzjonijiet hawn taht rikapitolati. Kif kontez minnu hu ma giex moghti:

(i) kopja tar-rapport li wassal ghac-*charge* fil-konfront tieghu;
(ii) kopja tal-verbali tal-proceduri;
(iii) kopja tad-decizjoni tal-Bord tad-Dixxiplina li minnha kellu jappella;
u (iv) li, dippju, ma thalliex jissottometti l-kaz tieghu lill-Bord tat-Tieni Appell;

In aggunta ma' dawn, l-attur jilmenta wkoll illi f' kull kaz il-piena tat-trasferiment lilu nflitta kienet *ultra vires* ir-Regolamenti tad-Dixxiplina li jorbtu lill-partijiet;

Opportunement, dawn ir-Regolamenti (ara kopja taghhom a fol. 108) jipprovdu f' taqsimiet specifici ghall-klassifika tad-diversi offizi kif ukoll ghall-makkinarju procedurali li l-impjegat mixli jista' jikkonsegwi fid-difiza tieghu. Gjaladarba l-akkuza *de qua*, fil-kaz ta' l-attur, kienet kategorizzata taht Art. (A) Grupp 1 (vi) tat-Tieni Parti, ossija "kull offiza kriminali ohra", ghal dak li jghodd fil-kaz in ispecje jistghu jigu senjalati s-segwenti regolamenti:-

(1) Jinkombi fuq il-management illi zmien 36 siegha mit-twassil lilha tar-rapport tohrog ic-*charge* u tassikura li dan ikun debitament notifikat lill-impjegat li jkollu 36 siegha biex iwiegeb, bil-fomm jew bil-miktub (Reg. 11);

(2) Una volta l-kaz jigi riferit lill-Bord tad-Dixxiplina, kompost minn tliet membri tal-Management f' livell ezekuttiv (Reg. 14), l-impjegat mixli jkun intitolat li jmexxi l-kaz u d-difiza tieghu huwa nnifsu jew kif mghejjun minn rapprezentant tat-Trade Union tieghu jew minn habib,

purche` impjegat tat-Tarzna. Huwa intitolat ukoll li jsejjah xhieda quddiem il-Bord bl-istess mod koncess lit-Tarzna. Ara Reg. 13, 34 u 35;

(3) Hu dmir tal-Bord *ad hoc* li jipprocedi mill-aktar fis, jeddeciedi c-*charge* u jipprovdi l-kastig li fic-cirkostanzi jkun jidher misthoqq. Kastig dan, li, kif kontemplat, jista' jikkonsisti minn waqfien mix-xoghol, tnaqqis fil-grad jew tkeccija (Reg. 15);

(4) Mid-decizjoni tal-Bord hu konsentit lill-impjegat dritt ta' appell fuq zewg saffi. L-ewwel lill-Bord ta' l-Ewwel Appell (Reg. 28), kompost minn tliet membri ezekuttivi tal-management (Reg. 29). Imbaghad, mid-decizjoni ta' dan, lill-Bord tat-Tieni Appell kompost mill-General Manager u minn membri ezekuttivi tal-management u rapprezentant tal-Personnel Department (Reg. 31). Dan id-dritt lil dan it-tieni Bord ta' Appell hu suggett ghall-kondizzjoni li l-impjegat jissodisfa lil dan il-Bord li jezisti dubju *prima facie* li d-decizjoni moghtija fuq l-ewwel appell ma hijiex gusta [Reg. 30(1)];

(5) Hu precizat ukoll illi d-decizjonijiet tal-Bord tat-Tieni Appell jew dawk tal-Bord ta' l-Ewwel Appell (skond il-kaz), huma meqjusa finali. B' danakollu jekk l-impjegat jibqa' jinsisti li d-decizjoni finali ma hijiex gusta, huwa koncess li jirrikorri ghall-procedimenti stabbiliti ohra. *Inter alia*, il-hatra ta' referee indipendenti. Jinsab pero` kawtelat illi r-riferenza lil dan l-arbitru mhix wahda awtomatika izda moghtija biss f' kaz li r-ragunijiet moghtija mill-impjegat jitqiesu gustifikati (Reg. 32);

(6) F' kull kaz l-impjegat ghandu jircievi bil-miktub kull decizjoni moghtija in forza tar-regolamenti (Reg. 38);

(7) Rilevanti wkoll, fil-fehma tal-Qorti, hi r-regola generali preskritta fl-artikolu 4 u r-rizerva provduta fl-artikolu 43. Dak ta' l-ewwel jistabbilixxi li "l-impjegati kollha tal-Malta Drydocks huma intitolati ghall-gustizzja u ghandhom dritt ghall-appell permezz ta' l-istadji miftehma ta' awtorita` kif hemm stipulat f' dawn ir-Regolamenti". Fl-artikolu 43, invece, hu residwalment rizervat lill-partijiet fil-

proceduri ta' dixxiplina d-dritt li jfittxu sodisfazzjon quddiem it-tribunali ordinarji jekk ikunu tal-fehma li ma tkunx saret gustizzja;

Premessi s-suesposti riljievi tar-regolamenti li jidhru l-aktar saljenti, b'osservazzjoni preliminari, din il-Qorti thoss li ghandha tirregistra l-punt illi l-imsemmija regolamenti, li jorbtuhom, ghandhom jigu ritenuti li jirriflettu l-volonta` libera ta' l-entita` konvenuta u ta' l-impjegati taghha, jew tal-ghaqda sindakali li taghha dawn l-impjegati huma membri.  Isegwi minn dan illi sakemm allura ma jkunx dimostrat li d-decizjonijiet tad-diversi bordijiet, imwaqqfa bis-setgha ta' dawn l-istess regolamenti, ittiehdu in konflitt ma' xi principju fondamentali tal-gustizzja jew kontra d-dettami ta' l-istess regolamenti m' ghandux ikun hemm kwestjoni fuq l-espedjenza u r-ragonevolezza tad-decizjoni mehuda.  Mill-banda l-ohra jidher li gie minn dejjem rikonoxxut id-dritt li persuna li thossha aggravata b' simili decizjoni tirrikorri lill-qrati meta jkun hekk jidhrilha li d-decizjoni tkun ittiehdet ghad-detriment taghha u bi ksur ta' xi dritt fundamentali jew bi vjolazzjoni ta' l-istess regolamenti;

Fl-ordinament guridiku bhal taghna it-tutela tal-jeddijiet fundamentali bazat ukoll fuq il-principji ta' gustizzja naturali tantecedi l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni b' hafna u hafna decenni u spiss taghti kopertura aktar u aktar komprensiva lil dawn il-jeddijiet.  Ara "**Grazio Tabone *et* -vs- L-Avukat Generali tar-Repubblika**", Qorti Kostituzzjonali, 31 ta' Lulju 2000;

Hekk jinsab assodat fi skorta ta' decizjonijiet illi bordijiet u tribunali li jkollhom attribuzzjonijiet u funzjonijiet decizjonali ma jistghux, fl-espletament ta' dawk l-istess attribuzzjonijiet u funzjonijiet, jinjoraw il-principji bazici ta' gustizzja naturali.  Ghall-kuntrarju, hu anzi mistenni minnhom li jirrispettaw dawn l-istess principji li, proprju ghax fundamentali, jintitolaw lil kull parti fil-procediment li jkollha l-opportunita` li tiddefendi l-kaz taghha u taghmel is-sottomissjonijiet kollha taghha.  Ara f' dan is-sens

decizjonijiet riportati a **Vol. XXXII P II p 350; Vol. XXXIII P I p 648** u **Vol. XXXVII P II p 675**, fost ohrajn;

Ta' min isemmi wkoll illi l-opportunita` tad-difiza pjena, anke jekk dan mhux precizat b' mod kategoriku u dirett fl-accennati sentenzi, tinkorpora fiha l-principju daqstant iehor importanti ta' l-hekk definit "*equality of arms*". Principju dan illum sew stratifikat fi procedimenti ta' indoli kostituzzjonali u konvenzjonali. "*The right to a fair hearing also requires compliance with the principle of Equality of Arms. The commission has expressed the principle in respect of both criminal and non-criminal cases as entailing that everyone who is party to such proceedings shall have a reasonable opportunity of presenting his case to the court under conditions which do not place him at a substantial disadvantage vis-à-vis his opponent*" (**Harris, Boyle and Warbrick**, "Law of the European Convention on Human Rights", pagna 207; "**Kaufman -vs- Belgium**", No. 10938/84 (1986);

Silta din kaptata mis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-11 ta' Awissu 2000 fil-kawza "**Constantino Consiglio *et* -vs- Kavalier Joseph N. Tabone *nomine***", fejn gie stabbilit illi r-rikorrenti, impjegati ta' l-Air Supplies and Catering Company Limited, kienu gew imcahhda, b' decizjoni tas-socjeta` intimata u/jew tal-Bord ta' Dixxiplina, li jinghataw kopja tad-decizjoni ta' dak il-Bord. A propozitu, fiha nghad ukoll, b' zieda mal-principju suddett, illi "hu mbaghad aktar minn ovvju li jekk id-dritt ghas-smigh xieraq jesigi wkoll li min jiggudika kellu jaghti ragunijiet ghad-decizjoni tieghu, hi inevitabbli l-konsegwenza li l-parti fil-process kellha d-dritt ghal kopja ta' tali decizjoni ... Il-fatt li huma gew arbitrarjament imcahhda milli jkollhom kopja ta' dik id-decizjoni kien manifestament ippregudikalhom b' mod determinanti l-jedd fundamentali taghhom ghal smigh xieraq, mhux biss fil-proceduri ta' l-appell intern li huma kienu ntentaw fit-termini tal-ftehim kollettiv, imma wkoll u aktar importanti, il-proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali.";

Jemergi b' riflessjoni tas-suesposta decizjoni u ohrajn tal-bixra taghha (ara wkoll ghal dak li jghodd fiha s-sentenza fl-ismijiet "**Marthese Azzopardi -vs- Maltacom p.l.c.**", Qorti Kostituzzjonali, 11 ta' Awissu 2000), illi, filwaqt li ma jidherx li qatt gie dubitat illi certa diskrezzjoni fl-applikazzjoni tar-regolamenti, u fil-limiti taghhom, giet dejjem imhollija f' idejn min jamministra jew tal-bordijiet gudikanti mill-banda l-ohra l-proceduri quddiem bordijiet imwaqqfa b' dawn ir-regolamenti kienu soggett ta' skrutinju mill-qrati ghall-ahjar harsien tal-jeddijiet fundamentali fil-kaz ta' determinazzjoni tad-drittijiet u obbligi ta' natura civili. Ezami dan li necessarjament kien jinvolvi indagini dwar jekk parti thallietx tinstema u tressaq il-provi taghha, tkun difiza, taghmel l-osservazzjonijiet kollha li jidhrilha u li jigi assikurat ukoll li d-decizjoni moghtija mhux biss tkun sew motivata, anke jekk bil-minimu konsentit, izda wkoll li kopja taghha u ta' kull dokument iehor pertinenti jigu provvduti biex il-parti tkun in grad li sew tiddefendi ruhha, u ma tkunx zvantaggjata f' kaz li tkun trid tirrikorri ghad-dritt lilha moghti ta' l-appell, jew appelli, f' dan il-kaz;

Affermati dawn il-principji u r-riflessjonijiet dwarhom, u li ghandhom iwiegbu sew lil certi eccezzjonijiet sollevati mit-Tarzna konvenuta, jirrizulta mill-atti processwali fil-kaz prezenti illi l-attur, li prezentement m' ghadux impjegat tat-Tarzna ghax gie "*medically boarded out*" (ara dokument a fol. 32), kien dahal fl-impjieg ma' din l-azjenda bhala security guard fid-19 ta' Dicembru 1966. Skond ix-xhud Frans Farrugia, Personnel Officer, (fol. 47), fil-kors ta' l-impjieg tieghu l-attur kien ko-involt fi tmintax (18) il-kaz ta' dixxiplina serja, ahjar dettaljati fil-lista esebita a fol. 51 tal-process. L-ahhar wiehed fosthom, u li l-aktar jikkoncerna mill-qrib il-meritu ta' l-attwali vertenza, kien dak fejn hu gie mixli li qal kliem ta' theddid fil-konfront tas-superjur tieghu, Chief Security Officer Victor Dalmas. Kliem dawn li l-attur *a tempo debito*, permezz ta' Affidavit guramentat ta' l-14 ta' Mejju 1997 (fol. 153), accetta li ntqalu minnu;

Id-dokumenti esebiti minn fol. 151 sa fol. 166 tal-process jirrintraccjaw sew il-perkors segwit mill-introduzzjoni tac-

*charge* (9 ta' Mejju 1997) sar-rifjut tat-talba ta' l-attur ghall-hatra ta' referee indipendenti (30 ta' Gunju 1997);

Irrizulta wkoll mill-provi illi, b' ezitu tal-passi dixxiplinari mehuda, l-attur gie mill-Bord ta' Dixxiplina sospiz mix-xoghol bla paga ghal tliet gimghat (aktar tard ridotta ghall-gimghatejn mill-Bord ta' l-Ewwel Appell) u inoltre hu gie trasferit mis-Security Department ghal xoghol klerikali f' Manoel Island Yacht Yard;

Skond l-attur dan it-trasferiment, li dwaru l-aktar li jhossu aggravat, arrekalu telf ta' hamsin lira (Lm50) fil-gimgha. Hu jispjega dan it-telf billi jsostni illi "bhala security guard kont intitolat li ghal festi nithallas doppju u ninghata gurnata leave zejda, ghall-iljieli kont nithallas '*by one and one third*' u ghall-Hdud kont nithallas doppju u dan minbarra ammont konsiderevoli ta' *overtime*" (fol. 104);

Dan premess, il-Qorti hi msejha biex tezamina fl-ewwel lok jekk l-ilmenti ta' l-attur, aktar 'il fuq rilevati, dwar allegata trasgressjoni tal-principju tal-gustizzja naturali, rinfaccjata lit-Tarzna konvenuta, humiex sorretti mill-provi istruttorji.  L-ezercizzju jesigi li l-ilmenti mqanqla jigu konsiderati bil-bon sens fl-ambitu tar-regolamenti u tal-provi, ben in mira, s' intendi, id-dritt rimedjali invokat mill-attur u l-eccezzjonijiet sottomessi mit-Tarzna konvenuta;

Qabel ma l-Qorti tghaddi 'l quddiem forsi ma jkunx barra minn loku illi b' mod generali jigi puntwalizzat, ghallanqas fuq dak rinvenut mill-atti, illi l-Bord tad-Dixxiplina mwaqqaf *ad hoc* fil-kaz ta' l-attur, jidher li kien attent li jikkonduci s-smigh tal-kaz fir-rispett shih tal-proceduri applikabbli u tal-jedd tal-parti ghad-difiza xierqa.  Effettivament jirrizulta mix-xhieda ta' Charles Cassar (fol. 73), segretarju tat-Taqsima tal-General Workers Union, li ddefenda lill-attur, u minn dik tax-*shopsteward* Louis Peplow (fol. 85), li assistih, illi l-attur inghata l-opportunita` shiha ta' difiza. Dan ma jidherx li hu kontestat mill-attur tant li in kontro-ezami (senjatament fol. 190 *et seq.*) jaccetta li hu ma

kellux oggezzjoni ghall-komposizzjoni tal-Bord, kien rapprezentat mis-Segretarju tat-Taqsima tal-Union li kellu l-opportunita` jaghmel id-domandi li xtaq lix-xhieda li tressqu fil-proceduri u li fihom xehed hu wkoll u pprezenta affidavit;

Dan stabbilit, ezami tas-singoli ilmenti migjuba 'l quddiem mill-attur jaghti dawn ir-risposti kif estratti mill-inkartament;

(i) <u>ilment li ma giex provvdut b' kopja tar-rapport li wassal ghac-*charge*</u>

Jirrizulta mill-ittra tal-10 ta' Mejju 1997 (fol. 152) illi tramite s-segretarju tat-Taqsima tal-Union, l-attur talab li jinghata kopja tar-rapport li kien il-motrici tac-*charge* kontra tieghu. It-Tarzna konvenuta ma tiddisputax il-fatt illi din il-kopja ma nghatatx pero` skond Vince Micallef (fol. 197), li ppresjeda l-Bord ta' Dixxiplina, kienet il-prassi li ma tinghatax kopja ta' tali rapport. B' danakollu, u dan ma jidherx li gie zmentit, ir-rapprezentant ta' l-attur fil-proceduri nghata l-fakolta li jaqra dan ir-rapport, kif hekk fil-fatt ghamel. Fid-dawl ta' dan il-fatt din il-Qorti ma ssibx li ghandha ticcensura l-kondotta tal-Bord jew dik tal-management billi, fic-cirkostanzi, ma tarax kif, anke fin-nuqqas tal-producibilita` tal-kopja, tista' ssotni l-addebitu li gie lez id-dritt tas-smigh xieraq ta' l-attur li, cionostante, inghata l-opportunita` li jaqra r-rapport minnu rikjest. Dan fil-bidunett tal-proceduri. Konsegwentement l-ilment fuq dan il-punt ma jistax jigi akkolt;

(ii) <u>l-ilment li ma nghatax kopja tal-verbali tal-proceduri</u>

Johrog car anke minn dak mistqarr minn Charles Cassar (fol. 83) illi fl-ebda procedura tad-dixxiplina tat-Tarzna ma jitqassmu kopji tal-minuti tal-laqghat. Hu fil-fatt accettat anke minn dan ix-xhud illi effettivament ma jinzammux minuti ufficcjali u kull parti tiehu n-notamenti taghha. Anke jekk forsi din ma hijiex il-procedura idejali ta' kif ghandhom

isiru l-affarijiet, ma jidhirx illi sar f' dan il-kaz ksur tar-regola fundamentali "*audi alteram partem*". Il-partijiet fil-proceduri kienu certament fl-istess posizzjoni u nghataw l-istess trattament. Ma jidhirx, u, anzi, ma jissemmiex, u lanqas del resto ma jirrizulta, li xi parti nghatat kopja ta' xi minuti bi skapitu tal-kontroparti u bi ksur tal-principju tal-"*equality of arms*". Anke allura dan l-ilment ma jinstabx li hu sostenibbli;

(iii) <u>l-ilment li ma nghatax kopja tad-decizjoni tal-Bord</u>

Dan l-ilment fil-hsieb tal-Qorti hu ghal kollox inkoncepibbli u barra minn loku. Qed jigi hekk rilevat in kwantu, kif konfessat mill-istess attur in kontro-ezami, precizament a fol. 191, *ex admissis* jiddikjara dan: "Jien ghandi kopja tad-decizjoni tal-Bord tad-Dixxiplina kif ukoll tal-Bord ta' l-Appell - dawn kont ircevejthom". In bazi ghal din l-istess dikjarazzjoni jidher ovvju ghal din il-Qorti illi l-attur kellu jkun altru sodisfatt illi r-regoli bazilari tal-gustizzja naturali f' dan il-kuntest kienet giet pjenament imharsa u li allura l-ghoti lilu ta' kopja tas-sentenza poggietu f' qaghda li seta' jikkontesta, kif hekk in effetti jirrizulta, id-decizjoni profferita kontra tieghu. F' dawn ic-cirkostanzi allura certament l-attur ma setax jilmenta li hu gie mcahhad minn kopja tad-decizjoni u li din ic-cahda arrekatlu pregudizzju b' mod determinanti tal-jedd fundamentali tieghu ghal smigh xieraq. In vista ta' dan, din il-Qorti ma ssibx raguni biex tilqa' b' favur dan l-ilment;

(iv) <u>l-ilment li ma thalliex jissottometti l-kaz tieghu lill-Bord tat-Tieni Appell</u>

Jirrizulta mill-ittra datata 11 ta' Gunju 1997 (fol. 158) illi r-ragunijiet sottomessi mill-attur ghall-konsiderazzjoni tal-Bord tat-Tieni Appell ma kienux jolqtu l-meritu tad-decizjoni moghtija mill-Bord ta' l-Ewwel Appell izda merament elenku ta' l-ilmenti hawn appena rivizitati u kummentati;

Hi l-fehma ta’ din il-Qorti illi l-materja fuq dan il-punt ma tistax tigi izolata minn dak provvdut fir-Regolamenti Dixxiplinarji. Huwa intwittiv illi t-tieni Bord ta’ Appell huwa forma ta’ qorti ta’ kassazzjoni jew ahjar, biex jigi ravvicinat ghall-ordinament procedurali taghna, ghall-istitut tar-ritrattazzjoni. Dan inissel b’ konsegwenza illi, koncettwalment, dan it-tieni Bord ta’ Appell ma kienx intiz bhala xi tribunal koncepit biex taht kwalsiasi pretest jinghata aditu awtomatiku lill-parti sokkombenti li tippretendi, fi kliem Sir Antonio Micallef (**Kollez. Vol. VI p 345**) “*essere stata a suo danno commessa un ingiustizia*”. Jidher b’ mod car illi l-attur qed jinsa illi skond it-test tar-Regolament 30(1) l-intitolar ghad-dritt ta’ l-appell lil dan il-Bord tat-Tieni Appell hu soggett ghal pre-kondizzjoni li hu htieglu jiddemostra, u jissodisfa qabel xejn, li jezisti dubju *prima facie* li d-decizjoni moghtija mill-Bord ta’ l-Ewwel Appell ma hijiex gusta. Effettivament, mill-kontenut ta’ l-ittra datata 18 ta’ Gunju 1997 (fol. 160) ma jidherx li din il-pre-kondizzjoni giet mill-attur adegwatament u konvincentement sodisfatta. U allura, billi wkoll mhux lecitu ghall-Qorti, fir-revizjoni taghha tal-proceduri intentati di fronte ghall-attur, li tissostitwixxi d-diskrezzjoni ta’ gudizzju tat-Tieni Bord ta’ Appell b’ dak taghha, u billi ma ssibx illi gie trasgredit xi principju fundamentali, l-ilment hekk sottomess ma jimmeritax akkoljiment;

Jifdal ghalhekk li jigi valutat l-ahhar ilment ta’ l-attur fis-sens illi t-trasferiment tieghu minn security guard fit-Tarzna ghall-xoghol klerikali f’ Manoel Island Yacht Yard ukoll immexxi mill-Malta Drydocks kienx ***ultra vires*** ir-Regolamenti tad-Dixxiplina;

Huwa lecitu qabel xejn li tigi registrata l-osservazzjoni illi ma jidherx li huwa kontrovers illi korpi kostitwiti, socjali jew kummercjali, u kull azjenda jew organizzazzjoni li thaddan regolamenti regolanti l-komportament ta’ l-imsiehba jew ta’ l-impjegati huma soggetti ghall-iskrutinju tal-qrati ordinarji f’ kaz li jinsorgu disputi li xi decizjoni mehuda ma tkunx hekk ittiehdet fl-ambitu ta’ l-istess regolamenti u fid-dawl tal-provi u tal-gustizzja. Anke jekk il-qrati jirrikonoxxu l-awtorita` ta’ dawn l-istess korpi, azjendi jew

organizzazzjonijiet u/jew tal-bordijiet dixxiplinarji, krejati minn regolamenti interni, u vestiti b' certu poter, fl-istess waqt hu bil-wisq pacifiku illi l-istess qrati minn dejjem akkordaw protezzjoni lid-drittijiet tas-singolu mill-abbuz u illegalitajiet kommessi b' infrazzjoni tar-regolamenti;

Premessa din l-introduzzjoni jinsab rikonoxxut mix-xhud Vince Micallef (fol. 201) illi l-bord tad-dixxiplina f' dan il-kaz ma jistax bhala piena jaghti *transfer*. Dan anke ghaliex skond l-artikolu 15 tar-Regolamenti tali kundanna jew kastig mhux kontemplat bhala mizura dixxiplinarja affidata lil dan il-Bord;

Dejjem permezz ta' dan l-istess xhud it-Tarzna tittanta tiggustifika l-azzjoni taghha fuq l-assunt illi kull ma jaghmel il-Bord ta' Dixxiplina huwa sempliciment rakkomandazzjoni lill-Personnel li jkun hatar il-bord: "Rakkomandazzjoni fuq il-pieni u rakkomandazzjoni fuq it-trasferiment". Din il-Qorti difficilment tara kif tista' tirrikoncilja d-dikjarazzjoni ta' dan ix-xhud mal-kontenut ta' l-ittra datata 21 ta' Mejju 1997 (fol. 154) fejn testwalment jinghad illi "*the board has decided to suspend you three (3) weeks without pay as well as a transfer from the Security Department*". Lanqas ma jidher kif il-Qorti tista' serenament taqbel ma' l-affermazzjoni illi si tratta ta' mera rakkomandazzjoni. Korrettement intiz r-regolament 15(2) jattribwixxi lill-Bord id-dritt li jippenalizza lill-impjegat li jinstab fi htija, purche` fil-parametri tal-kastigi provvduti, u, cjoe, (a) waqfien mix-xoghol (b) tnaqqis fil-grad u/jew (c) tkeccija. It-trasferiment ta' impjegat mhux annoverat fost dawn il-kastigi u t-test tar-regolament ma jippermettix dan. Jigi ghalhekk illi d-decizjoni dwar it-trasferiment hi attakkabbli u dikjarata annullabbli minn din il-Qorti bhala *ultra vires*;

Anke jekk, kif rikonoxxut, fil-kors ordinarju ta' l-impjieg hu akkordat lil min ihaddem certu *jus variandi* fid-distribuzzjoni tal-mansjonijiet lill-impjegat anke diversi minn dawk li ghalihom hu jkun gie assunt (ara "**Richard Matrenza -vs- Joe Attard Kingswell *nomine***", Appell

Kummercjali, 3 ta’ Frar 1969), fil-kaz prezenti dan ma kellux ikun prodott ta’ kastig meta tali mansjonijiet, differenti mill-grad okkupat, gew sfurzati in virtu ta’ kundanna ta’ trasferiment, kuntrarja ghall-vot tar-regolament imsemmi. Huwa veru li l-hsieb wara t-trasferiment f’ dan il-kaz kien wiehed intiz li jevita incidenti, anke koroh, fuq il-post tax-xoghol fejn ma tkunx tezisti armonija bejn impjegati diversi jew impjegat u s-superjuri tieghu. Eppure huwa daqstant iehor veru li l-bordijiet stabbiliti, anke fi hdan organizzazzjonijiet, ghaqdiet jew azjendi, huma soggetti ghall-applikazzjoni korretta, ragjonevoli u gusta tar-regolamenti li kkrejawhom. Kompitu dan mhux dejjem facli izda hu mistenni li huma jaqduh sew fl-osservanza skrupoluza ta’ l-istess regolamenti u fil-limiti tal-mandat lilhom konferit;

Taht dawn ic-cirkostanzi l-azzjoni ghandha tirnexxi u l-attur haqqu fil-fehma konsiderata tal-Qorti r-rimedju mitlub. Ghallissa pero` din il-Qorti mhix sejra tillikwida d-danni billi tehtieg li jkollha provi aktar dettaljati dwarhom. Hu wkoll il-hsieb taghha li taghti lill-kontendenti l-opportunita` li jaslu f’ akkordju bonarju u sodisfacenti fuq dan l-aspett tal-materja.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi, attiza u sa fejn applikabbli, ic-cahda ta’ l-eccezzjonijiet tat-Tarzna konvenuta, tiddikjara li qed tilqa’ t-talba ta’ l-attur limitatament fuq il-bazi tal-premessa illi l-piena tat-trasferiment imposta fuq l-attur hija *ultra vires* ir-Regolamenti tad-Dixxiplina li jorbtu lill-partijiet. Konsegwentement tilqa’ l-ewwel talba attrici billi tirritjeni li t-Tarzna konvenuta ghandha twiegeb ghad-danni fil-konfront ta’ l-attur;

Kwantu ghat-tieni u ghat-tielet talbiet din il-Qorti qeghda ghalissa tissospendi l-gudizzju taghha dwarhom ghar-raguni li tehtieg tisma’ aktar provi fir-rigward tad-danni pretizi u biex fl-istess waqt taghti l-opportunita` lill-partijiet

li possibilment jilhqu ftehim sodisfacenti dwarhom barra mill-Qorti;

Ghal dan il-fini l-kawza qed tigi differita ghall-udjenza ta’ l-24 ta’ Novembru 2004 bl-intiza illi jekk sa dakinhar ma jitlahaqx l-akkordju awspikat, il-kawza tissokta bil-gbir tal-provi u t-trattazzjoni ta’ l-ahhar zewg talbiet.

L-ispejjez gudizzjarji riferibbilment ghall-ewwel talba jibqghu fic-cirkostanzi partikulari tal-kaz sopportati bin-nofs bejn il-kontendenti.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------